



Brussell, 23 ta' Ġunju 2026  
(OR. en)

---

---

Fajl Interistituzzjonali:  
2026/0141(NLE)

---

---

10257/26  
ADD 1

AELE 43  
MI 600  
N 42  
FL 20  
ISL 25  
ESPACE 96

#### **ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

---

Suġġett: Anness DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE li temenda l-  
Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE, dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma  
jagħmlux parti mill-erba' libertajiet

---

ANNEX

**DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**

**Nru .../...**

**ta' ...**

**li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE,  
dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (il-“Ftehim ŻEE”), u b’mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Il-Partijiet Kontraenti jirrikonoxxu l-kooperazzjoni formali eżistenti fil-Programm Spazjali tal-Unjoni stabbilit bir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup>. Huma jixtiequ jibnu fuq din is-sħubija b'saħħitha u jestendu l-kooperazzjoni għall-komponent tal-Komunikazzjoni Governattiva bis-Satellita (GOVSATCOM) tal-Programm Spazjali tal-Unjoni ("komponent GOVSATCOM") u għall-Programm għal Konnettività Sigura stabbilit bir-Regolament (UE) 2023/588 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>2</sup> ("Programm ta' Konnettività Sigura")..
- (2) Huwa xieraq li tiġi estiża l-kooperazzjoni miftiehma mill-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim ŻEE fid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 319/2021 tad-29 ta' Ottubru 2021 għall-komponent tal-GOVSATCOM, soġġett għall-ftehimiet speċifiċi konklużi f'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) 2021/696 u l-Artikolu 39(1) tar-Regolament (UE) 2023/588 u skont il-kundizzjonijiet tagħhom.
- (3) Huwa xieraq li l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim ŻEE tiġi estiża biex tinkludi r-Regolament (UE) 2023/588, soġġett għall-ftehimiet speċifiċi konklużi f'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) 2021/696 u l-Artikolu 39(1) tar-Regolament (UE) 2023/588 u skont il-kundizzjonijiet tagħhom.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) 2021/696 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 li jistabbilixxi l-Programm Spazjali tal-Unjoni u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 912/2010, (UE) Nru 1285/2013 u, (UE) Nru 377/2014 u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE (ĠU L 170, 12.5.2021, p. 69, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/696/oj>).

<sup>2</sup> ĠU L 79, 17.3.2023, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2023/588/oj>.

- (4) Il-kundizzjonijiet għall-parteċipazzjoni tal-Istati tal-EFTA u l-istituzzjonijiet, l-impriżi, l-organizzazzjonijiet u ċ-ċittadini tagħhom fil-programmi tal-Unjoni Ewropea huma stabbiliti fil-Ftehim ŻEE, u b'mod partikolari fl-Artikolu 81 tiegħu.
- (5) Jenħtieġ li jitqiesu l-ftehimiet bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati tal-EFTA, dwar il-proċeduri ta' sigurtà għall-iskambju ta' informazzjoni klassifikata.
- (6) Prinċipji ta' kooperazzjoni addizzjonali jistgħu, jekk ikun meħtieġ, jiġu miftiehma bejn il-Partijiet Kontraenti biex jirregolaw żoni speċifiċi li mhumiex koperti minn din id-Deċiżjoni.
- (7) Il-parteċipazzjoni tal-Istati tal-EFTA fil-komponent ta' GOVSATCOM u fil-Programm għal Konnettività Sigura abbażi tal-Ftehim ŻEE hija ta' interess reċiproku għall-Partijiet Kontraenti.
- (8) Huwa xieraq li l-parteċipazzjoni tal-Iżlanda u tan-Norveġja fil-kumitati tal-programm, fil-gruppi ta' ħidma u f'attivitajiet oħra li jirriżultaw mill-komponent ta' GOVSATCOM u mill-Programm għal Konnettività Sigura tibda, soġġetta għall-ftehimiet speċifiċi konklużi f'konformità mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) 2021/696 u mal-Artikolu 39(1) tar-Regolament (UE) 2023/588 u skont il-kundizzjonijiet tagħhom.
- (9) Billi jsiru utenti tal-kapaċitajiet u tas-servizzi tal-komponent ta' GOVSATCOM, l-Iżlanda u n-Norveġja se jikkontribwixxu finanzjarjament għall-baġit tal-UE għall-komponent ta' GOVSATCOM għas-snin finanzjarji 2021 sal-2026.

- (10) Billi jsiru utenti tal-kapaċitajiet u tas-servizzi tal-Programm għal Konnettività Sigura, l-Iżlanda u n-Norveġja se jikkontribwixxu finanzjarjament għall-baġit tal-UE għall-Programm għal Konnettività Sigura għas-snin finanzjarji 2023, 2024, 2025 u 2026.
- (11) F'dan l-istadju, il-kontribuzzjonijiet huma ddeterminati fuq il-bażi ta' investimenti sinifikanti li jkunu saru matul l-ewwel snin tal-implimentazzjoni tal-programm. Dawn l-investimenti jikkonċernaw il-ħolqien ta' infrastruttura li se tintuża mill-parteciċipanti kollha tas-sistema, inklużi l-Iżlanda u n-Norveġja.
- (12) Għalhekk jenħtieġ li l-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE jiġi emendat biex tkun tista' sseħħ din il-kooperazzjoni estiża,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

## *Artikolu 1*

L-Artikolu 1 tal-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE għandu jiġi emendat kif ġej:

1. Il-paragrafu 8e għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-punt (a), il-kliem “il-Komunikazzjoni Governattiva bis-Satellita (GOVSATCOM) u” għandhom jiġi jitħassru;

(b) il-punti (b) sa (o) għandhom jiġu nnumerati mill-ġdid bħala l-punt (c) sa (p);

(c) il-punt li ġej għandu jidied wara l-punt (a):

“(b) Stat tal-EFTA jista’ jipparteċipa fil-komponent tal-Komunikazzjoni Governattiva bis-Satellita (GOVSATCOM) soġġett għal ftehim speċifiku kif imsemmi fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) 2021/696 u skont il-kundizzjonijiet tiegħu.”;

(d) it-test tal-punt (c) għandu jiġi sostitwit b’dan li ġej:

“L-Istati tal-EFTA għandhom jikkontribwixxu b’mod finanzjarju għall-attivitajiet imsemmija taħt (a) f’konformità mal-Artikolu 82(1)(a) u l-Protokoll 32 tal-Ftehim.

L-Istati tal-EFTA għandhom jikkontribwixxu b’mod finanzjarju għall-attivitajiet imsemmija taħt (b) f’konformità mal-Artikolu 82(1)(a) u l-Protokoll 32 tal-Ftehim, wara l-konklużjoni tal-ftehim imsemmija taħt il-punt (b).

Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 82(1)(c) u (2) tal-Ftehim u kif miftiehem f'konformità mal-paragrafi 8 u 9 tal-Artikolu 1 tal-Protokoll 32 tal-Ftehim, l-Iżlanda għandha, wara l-konklużjoni ta' ftehim imsemmi taħt (b), tikkontribwixxi EUR 147.492 (mija u seba' u erbgħin elf erba' mija u tnejn u disgħin) għall-komponent ta' GOVSATCOM għas-snin finanzjarji 2021 sa 2026. Dan l-ammont għandu jitħallas f'pagament wieħed, li għandu jiġi inkluż fis-sejħa għall-fondi għas-sena finanzjarja 2027, kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(2) tal-Protokoll 32.

Barra minn hekk, a f'konformità mal-Artikolu 82(1)(c) u (2) tal-Ftehim u kif miftiehem f'konformità mal-paragrafi 8 u 9 tal-Artikolu 1 tal-Protokoll 32 tal-Ftehim, in-Norveġja għandha, wara l-konklużjoni ta' ftehim imsemmi taħt (b), tikkontribwixxi EUR 2 447 865 (żewġ miljuni erba' mija u sebgħa u erbgħin elf tmien mija u ħamsa u sittin) għall-komponent ta' GOVSATCOM għas-snin finanzjarji 2021 sa 2026. Dan l-ammont għandu jitħallas f'pagament wieħed, li għandu jiġi inkluż fis-sejħa għall-fondi għas-sena finanzjarja 2027, kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(2) tal-Protokoll 32.”;

- (e) fil-punt (d), il-kelma “(b)” għandha tiġi sostitwita bil-kelma “(c)”;
- (f) it-test tal-punt (o) għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

“Fir-rigward tal-Liechtenstein, dan il-paragrafu għandu jiġi sospiż sakemm jiġi deċiż mod ieħor mill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.”.

2. Dan li ġej jiddaħħal wara l-paragrafu 8e:

“8f. (a) L-Istati tal-EFTA għandhom jipparteċipaw fl-attivitajiet li jistgħu jirriżultaw mill-att tal-Unjoni li ġej:

- **32023 R 0588:** Ir-Regolament (UE) 2023/588 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2023 li jistabbilixxi l-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura għall-perjodu 2023-2027 (ĠU L 79, 17.3.2023, p. 1).

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament għandhom jinqraw bl-adattament li ġej:

Fl-Artikolu 5(5), il-kliem “jew mit-territorju ta' Stat tal-EFTA parteċipanti” għandu jiddaħħal wara l-kliem “pajjiż terz”.

- (b) Stat tal-EFTA jista' jipparteċipa fil-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura, soġġett għal ftehim speċifiku kif imsemmi fl-Artikolu 39(1) tar-Regolament (UE) 2023/588 u skont il-kundizzjonijiet tiegħu.
- (c) L-Istati tal-EFTA għandhom jikkontribwixxu b'mod finanzjarju għall-attivitajiet imsemmija taħt (a) f'konformità mal-Artikolu 82(1)(a) u l-Protokoll 32 tal-Ftehim, wara l-konklużjoni tal-ftehim imsemmi taħt il-punt (b).

Barra minn hekk, f'konformità mal--Artikolu 82(1)(c) u (2) tal-Ftehim u kif miftiehem f'konformità mal-paragrafi 8 u 9 tal-Artikolu 1 tal-Protokoll 32 tal-Ftehim, l-Iżlanda għandha, wara l-konklużjoni ta' ftehim imsemmi taħt (b), tikkontribwixxi EUR 1 173 139 (miljun mija u tlieta u sebgħin elf mija u disgħa u tletin) għas-snin finanzjarji 2023, 2024, 2025 u 2026. Dan l-ammont għandu jitħallas f'pagament wieħed, li għandu jiġi inkluż fis-sejħa għall-fondi għas-snin finanzjarji 2027, kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(2) tal-Protokoll 32.

Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 82(1)(c) u (2) tal-Ftehim u kif miftiehem f'konformità mal-paragrafi 8 u 9 tal-Artikolu 1 tal-Protokoll 32 tal-Ftehim, in-Norveġja għandha, wara l-konklużjoni ta' ftehim imsemmi taħt (b), tikkontribwixxi EUR 19 801 544 (dsatax-il miljun tmien mitt elf u wieħed ħames mija u erbgħa u erbgħin) għas-snin finanzjarji 2023, 2024, 2025 u 2026. Dan l-ammont għandu jitħallas f'pagament wieħed, li għandu jiġi inkluż fis-sejħa għall-fondi għas-sena finanzjarja 2027, kif imsemmi fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 2(2) tal-Protokoll 32.

- (d) Fir-rigward tal-Liechtenstein, dan il-paragrafu għandu jiġi sospiż sakemm jiġi deċiż mod ieħor mill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.”

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara l-aħħar notifika skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ŻEE\*.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi..., ....

*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*  
*Il-President*

*Is-Segretarji*  
*Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE*

---

\* [Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.] [Huma indikati rekwiżiti kostituzzjonali.]